MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 249/2003

**Five Effs Import Co. Limited**

**vs**

**Ta' Xbiex Lapins Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef disa' mija u ghoxrin Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (LM3920.74,0) rapprezentanti bilanc fuq somma akbar prezz ta' merca bl-ingrossa lilhom mibjugha u kkonsenjata;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 13 ta' Frar tas-sena 2003 u bl-imghax kummercjali mill-11 ta' Novembru tas-sena 2002 sad-data tal-pagament effettiv;**

**Is-socjeta' konvenuta hija ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-3 ta' Gunju tas-sena 2003 meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------